Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/01*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 01 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 05 ta' April, 2013 fit-8.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-membri eletti fl-elezzjoni tad-9 ta' Marzu 2013 kienu kollha preżenti. Dawn huma :-

L-Av. Daniel Attard
Is-Sur Joseph Farrugia
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sur Emmanuel Mintoff
Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud

Fil-bidu tal-laqgħa l-Kunsillier Joseph Farrugia ippresieda l-laqgħa bħala l-kunsillier l-aktar anzjan.

## 1. Talba

Il-laqgħa bdiet b'talba.

## 2. Ħatra ta' Sindku

Skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali l-Kunsillier elett bl-akbar ammont ta' voti minn fost il-kandidati tal-partit li jkun ġab il-maġġoranza ta' Kunsillieri għandu jingħata l-kariga ta' Sindku.

Is-Sur Joseph Farrugia għalhekk staqsa lill-Av. Daniel Attard jekk hux se jaċċetta il-kariga ta' Sindku. L-Av. Daniel Attard aċċetta din il-kariga u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni.

## 3. Ħatra ta' Viċi Sindku

Il-kariga ta' Viċi Sindku għandha tingħata lill-Kunsillier li ġab it-tieni l-akbar ammont ta' voti minn fost il-kandidati tal-partit li jkun ġab il-maġġoranza ta' Kunsillieri.

Għalhekk is-Sur Joseph Farrugia staqsa lis-Sur Emanuel Mintoff jekk hux se jaċċetta il-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Emanuel Mintoff aċċetta din il-kariga u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni.

**4. Merħba**

Min dan il-ħin il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku l-Av. Daniel Attard. Is-Sindku f'isem il-membri kollha irringrazzja lir-residenti kollha ta' L-Għasri għal fiducja li tawhom biex għall-erba' snin li ġejjien flimkien imexxu dan il-Kunsill u jaħdmu għal ġid tar-residenti u r-raħal kollu. Is-Sindku u l-Kunsillieri kollha qablu li għandhom jikkoperaw flimkien biex il-Kunsill ikun jista' jieħu l-aħjar deċiżjonijiet fl-interess tar-raħal ta' L-Għasri.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 26 ta' April, 2013 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-8.45p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |